REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 182/2013

tal-1 ta' Marzu 2013

li jagħmel l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli u wejfers) li joriġinaw fi jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku dwar l-anti-dumping") u b'mod partikolari l-Artikoli 10(4) u 14(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea [2] ("ir-Regolament bażiku kontra s-sussidji") u b'mod partikolari l-Artikoli 16(4) u 24(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

(1) Fis-6 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [3] ħabbret il-bidu ta' proċedimenti anti-dumping rigward importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli u wejfers) li joriġinaw fi jew li huma esportati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("iċ-Ċina" jew "il-pajjiż ikkonċernat") wara lment imressaq fil-25 ta' Lulju 2012 minn EU ProSun ("il-kwerelant") f'isem il-produtturi li jirrapreżentaw iktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli u wejfers).

(2) Fit-8 ta' Novembru 2012, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [4] il-Kummissjoni ħabbret il-bidu ta' proċedimenti kontra s-sussidji rigward importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli u wejfers) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara lment imressaq fil-25 ta' Settembru 2012 minn EU ProSun f'isem il-produtturi li jirrapreżentaw iktar minn 25 % tal-produzzjoni ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli u wejfers).

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.
[3] ĠU C 269, 6.9.2012, p. 5.
[4] ĠU C 340, 8.11.2012, p. 13.

A. PRODOTT IKKONĊERNAT

(3) Il-prodott soġġett għal din ir-reġistrazzjoni huwa moduli jew pannelli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u ċelloli u wejfers tat-tipi użati fil-moduli jew il-pannelli fotovoltajċi bis-silikon kristallin, li preżentament jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM ex 3818 00 10, ex 8501 31 00, ex 8501 32 00, ex 8501 33 00, ex 8501 34 00, ex 8501 61 20, ex 8501 61 80, ex 8501 62 00, ex 8501 63 00, ex 8501 64 00 u ex 8541 40 90, u li joriġinaw jew huma kkonsenjati mill-pajjiż ikkonċernat. Iċ-ċelloli jew il-wejfers għandhom ħxuna li ma taqbiżx l-400 μm.

(4) Mill-prodott li qed jiġi rreġistrat it-tipi ta' prodotti li ġejjin huma esklużi:

— ċarġers solari li jikkonsistu minn inqas minn sitt ċelloli, li huma mobbli u li jfornu l-elettriku lil mezzi jew li jiċċarġjaw il-batteriji,

— prodotti fotovoltajċi tat-tertuqa rqiqa,

— Prodotti fotovoltajċi bis-silikon kristallin li huma permanentement integrati fi prodotti elettriċi, fejn il-funzjoni tal-prodotti elettriċi mhijiex il-ġenerazzjoni tal-enerġija, u fejn dawn il-prodotti elettriċi jikkonsmaw l-elettriku ġġenerat miċ-ċellola fotovoltajka/ċelloli fotovoltajċi bis-silikon kristallin integrat.

B. TALBA

(5) It-talbiet ta' reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku dwar l-anti-dumping u l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku kontra s-sussidji saru mill-kwerelant fl-ilmenti li taw bidu għall-proċedimenti mnedija mill-avviżi msemmija fil-premessi 1 u 2 u kienu repetuti u sostnuti mill-informazzjoni ppreżentata sussegwentament. Il-kwerelant talab li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat isiru soġġetti għar-reġistrazzjoni sabiex sussegwentament ikunu jistgħu jiġu applikati miżuri kontra dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' tali reġistrazzjoni.

C. RAĠUNIJIET GĦAR-REĠISTRAZZJONI

(6) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku dwar l-anti-dumping u l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku kontra s-sussidji, il-Kummissjoni tista', wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, titlob lill-awtoritajiet taddwana jieħdu l-passi meħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, hekk li l-miżuri jkunu jistgħu jiġu applikati, sussegwentement, fuq dawk l-importazzjonijiet. L-importazzjonijiet jistgħu jsiru suġġetti għar-reġistrazzjoni wara talba mill-industrija tal-Unjoni li jkun fiha biżżejjed evidenza biex tiġġustifika azzjoni bħal din.

(7) Il-kwerelant qal li r-reġistrazzjoni hija ġustifikata għax il-prodott ikkonċernat kien qed ikun iddampjat u ssusidjat u kien qed ikun ikkawżat dannu sinifikanti lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet bi prezz baxx, li hu diffiċli li jissewwa,.

(8) Fir-rigward tad-dumping il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza prima facie li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina qed ikunu iddampjati. Il-kwerelant ipprovda evidenza dwar il-valur normali bbażat fuq il-kost totali tal-produzzjoni flimkien ma' ammont raġonevoli għall-bejgħ, spejjeż ġenerali u amministrattivi u għall-profitti, abbażi tal-għażla tal-Istati Uniti bħala pajjiż analogu. L-evidenza dwar id-dumping hija bbażata fuq il-paragun tal-valur normali b'dan stabbilit mal-prezz ta' esportazzjoni (fuq livell *ex* works) tal-prodott ikkonċernat meta mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Fuq kollox, u meta jitqies l-estent tal-marġini ta' dumping allegat, din l-evidenza tipprovdi biżżejjed appoġġ f'dan l-istadju li l-esportaturi meqjusa jeżerċitaw id-dumping.

(9) Fir-rigward tal-issussudjar il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza *prima facie* li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-pajjiżi kkonċernat qed ikunu sussidjati. Is-sussidji allegati jikkonsistu, *inter alia*, f'self preferenzjali lill-industrija tal-pannelli solari (pereżempju linji ta' kreditu u self politiku b'imgħax baxx mogħtija minn Banek Kummerċjali Statali u minn Banek tal-Politika tal-Gvern, programmi ta' sussidju tal-kreditu għall-esportazzjoni, garanziji ta' esportazzjoni, assigurazzjonijiet għal teknoloġiji ekoloġiċi, għoti ta' aċċess għal kumpaniji holding offshore, ħlasijiet lura ta' self mill-gvern), programmi ta' għotja (pereżempju il-Fond għall-Iżvilupp u r-Riċerka għall-Prodotti Esportati, sussidji fi ħdan "Famous Brands" u "China World Top Brands", Fondi għal Espansjoni 'il Barra tal-Industriji fil-provinċja ta' Guangdong, il-Golden Sun Demonstration Programme), il-provvediment ta' merkanzija b'remunerazzjoni li tkun anqas minn dik adegwata mill-gvern (pereżempju l-provvista ta' polisilikon, estrużjonijiet tal-aluminju, ħġieġ, enerġija u art), programmi ta' eżenzjoni u tnaqqis ta' taxxa diretta (pereżempju. eżenzjonijiet mit-taxxa fuq l-introjtu jew tnaqqis skont il-programm Two Free/Three Half, eżenzjonijiet mit-taxxa fuq l-introjtu għal Intrapriżi b'Investiment Barrani orjentati lejn l-esportazzjoni, tnaqqis tat-taxxa fuq l-introjtu għall-Intrapriżi b'Investiment Barrani abbażi tal-lokalità ġeografika, tnaqqis tat-taxxa fuq l-introjtu għal Intrapriżi b'Investiment Barrani li jixtru tagħmir magħmul fiċ-Ċina, arranġamenti ta' tpaċija tat-taxxa għar-riċerka u l-iżvilupp fl-Intrapriżi b'Investiment Barrani, rifużjonijiet tat-taxxa għal investiment mill-ġdid tal-profitti tal-Intrapriżi b'Investiment Barrani f'impriżi orjentati lejn l-esportazzjoni, taxxa korporattiva preferenzjali għall-Intrapriżi b'Investiment Barrani rikonoxxuti bħala Industriji ta' Teknoloġija Għolja u Ġdida, tnaqqis fit-taxxa għal Intrapriżi ta' Teknoloġija Għolja u Ġdida involuti fi proġetti magħżula, politika tat-taxxa preferenzjali fuq l-introjtu għall-intrapriżi fir-reġjuni tal-Grigal, programm tat-taxxa tal-Provinċja ta' Guangdong) u programmi ta' taxxa indiretta u tariffi tal-importazzjoni (pereżempju eżenzjonijiet tal-VAT għall-użu ta' tagħmir importat, rifużjonijiet tal-VAT fuq ix-xiri mill-Intrapriżi b'Investiment Barrani ta' tagħmir magħmul fiċ-Ċina, eżenzjonijiet ta' tariffi u VAT għal xiri ta' assi fissi skont il-Programm għall-Iżvilupp tal-Kummerċ Barrani). Huwa allegat li l-iskemi ta' hawn fuq huma sussidji peress li jinvolvu kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern taċ-Ċina jew minn gvernijiet reġjonali oħra (inklużi entitajiet pubbliċi) u jikkonferixxu benefiċċju lil min jirċevihom. Huwa allegat li dawn huma kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u/jew fuq l-użu ta' prodotti domestiċi fuq dawk importati u/jew huma limitati għal ċerti setturi u/jew għal ċerti tipi ta' intrapriżi u/jew postijiet, u għalhekk huma speċifiċi u kumpensatorji. Fl-ilment kontra s-sussidju u l-preżentazzjoni sussegwenti relatata mat-talba għar-reġistrazzjoni, l-evidenza rigward il-prezz u l-volum tal-importazzjonijiet turi żieda sostanzjali ta' importazzjonijiet f'termini assoluti i f'termini tas-sehem tas-suq fil-perjodu bejn l-2009 u l-2011. Fid-dawl ra' dak li ntqal hawn fuq, f'dan l-istadju l-evidenza tipprovdi prova suffiċjenti li l-esportazzjonijiet tal-prodott inkwistjoni qed jibbenefikaw minn sussidji kumpensatorji.

(10) Fir-rigward tad-dannu, il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza *prima facie* li l-prattiki ta' dumping u sussidju tal-esportaturi qed joħolqu dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni, li hu diffiċli li jissewwa. Fl-ilmenti u l-preżentazzjonijiet sussegwenti relatati mat-talbiet għar-reġistrazzjoni, l-evidenza rigward il-prezz u l-volum tal-importazzjonijiet turi żieda sostanzjali ta' importazzjonijiet f'termini assoluti i f'termini tas-sehem tas-suq fil-perjodu bejn l-2009 u l-2011. Minkejja t-tnaqqis fl-importazzjonijiet f'termini assoluti fl-2012, is-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-pajjiż ikkonċernat komplew jiżdiedu. Il-volum u l-prezzijiet tal-prodott importat ikkonċernat kellhom impatt negattiv fuq il-kwantitajiet mibjugħa, fuq il-livell tal-prezzijiet mitluba fis-suq tal-Unjoni u fuq is-sehem tas-suq li kellha l-industrija tal-Unjoni, li rriżultaw f'effetti negattivi sostanzjali fuq il-prestazzjoni ġenerali u l-qagħda finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni. Din l-evidenza tikkonsisti minn dejta li tinsab fl-ilmenti u l-preżentazzjonijiet sussegwenti rigward ir-reġistrazzjoni iżda hija wkoll sostnuta minn informazzjoni mill-industrija tal-Unjoni u sorsi pubbliċi, li jikkonċernaw il-fatturi ewlenin ta' dannu stabbiliti fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku dwar l-anti-dumping u l-Artikolu 8(4) tar-Regolament bażiku dwar is-sussidji.

(11) Il-Kummissjoni għandha wkoll għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza *prima facie*, fl-ilment anti-dumping u l-korrispondenza sussegwenti, li l-importaturi kienu jafu, jew misshom kienu jafu, li l-prattiki ta' dumping tal-esportaturi kienu dannużi jew li x'aktarx ikunu dannużi għall-industrija tal-Unjoni. Għadd ta' artikli fl-istampa speċjalizzata matul perjodu estiż issuġġerew li l-industrija tal-Unjoni setgħet kienet qed iġġarrab dannu minħabba

importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi mill-pajjiż ikkonċernat. Fl-aħħar nett, meta jitqies l-estent tad-dumping li jista' jkun qed jiġri, ikun raġjonevoli li wieħed jassumi li l-importaturi jkunu jafu, jew imisshom ikunu jafu, bis-sitwazzjoni.

(12) Fir-rigward tal-issussidjar, it-talba tipprovdi biżżejjed evidenza ta' ċirkostanzi kritiċi fejn għall-prodott issussidjat inkwistjoni qed jiġi kkawżat dannu li diffiċli li jiġi msewwi minħabba importazzjoni massiċċa ta' prodotti li jibbenefikaw minn sussidji kumpensatorji f'perjodu relattivament qasir. Evidenza ta' tali ċirkostanza tinkludi n-natura rapida tad-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(13) Fir-rigward tad-dumping, il-Kummissjoni għandha għaddispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza *prima facie* li tali dannu qed isir jew isir minn żieda sostanzjali ulterjuri ta' dawn l-importazzjonijiet, li fid-dawl taż-żmien u l-volum tal-importazzjonijiet iddampjati u ċirkostanzi oħrajn (bħal-livell dejjem jikber ta' inventarji jew kapaċità ta' utilizzazzjoni ridotta) x'aktarx li jimmina serjament l-effett rimedjali ta' kwalunkwe dazji definittivi, sakemm dawn id-dazji ma jiġux applikati retroattivament. Addizzjonalment, fid-dawl tat-tnedija tal-proċedimenti attwali, huwa raġonevoli li wieħed jassumi li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jistgħu jiżdidu ulterjorment qabel l-adozzjoni ta' miżuri proviżorji, jekk ikun hemm, u l-inventarji jistgħu jinbnew rapidament mill-importaturi.

D. **PROĊEDURA**

(14) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-talba tal-kwerelant kien fiha biżżejjed evidenza *prima facie* biex tiġġustifika l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat suġġetti għar-reġistrazzjoni, b'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku dwar l-antidumping u l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku kontra s-sussidji.

(15) Il-partijiet kollha interessati huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, sakemm jagħmlu talba bil-miktub u juru li hemm raġunijiet partikolari għalfejn dawn għandhom jinstemgħu.

E. **REĠISTRAZZJONI**

(16) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku antidumping u l-Artikolu 24(5) tar-Regolament bażiku kontra s-sussidji, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat għandhom isiru suġġetti għar-reġistrazzjoni sabiex jiġi żgurat li, jekk l-investigazzjonijiet jirriżultaw f'sejbiet li jwasslu għall-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping u/jew dazji kumpensatorji, dawk id-dazji, jistgħu, jekk il-kundizzjonijiet neċessarji jiġu sodisfatti, jiġu imposti retroattivament skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli fuq l-importazzjonijiet reġistrati.

(17) Kwalunkwe responsabilità futura tiġi mis-sejbiet tal-investigazzjonijiet anti-dumping u dawk kontra s-sussidji rispettivament.

(18) L-allegazzjonijiet fl-ilment li jitlob it-tnedija ta' investigazzjoni anti-dumping jistmaw marġini medju ta' antidumping ta' madwar 60 %–70 % u marġini ta' tnaqqis fil-bejgħ li jasal sa 125 % tal-prodott ikkonċernat. L-ammont stmat ta' repsonsabbiltà possibbli fil-futur huwa stabbili fil-livell ta' dumping stmat abbażi tal-ilment anti-dumping, jiġifieri 60 %–70 % *ad valorem* fuq il-vlaur ta' importazzjoni CIF tal-prodott ikkonċernat.

(19) L-allegazzjonijiet fl-ilment li jitlob it-tnedija ta' investigazzjoni kontra s-sussidju jistmaw marġini medju ta' anti-dumping ta' madwar 10 %–15 % u marġini ta' tnaqqis fil-bejgħ li jirrapreżenta sa 125 % tal-prodott ikkonċernat. L-ammont stmat ta' repsonsabbiltà possibbli fil-futur huwa stabbili fil-livell ta' sussidjar stmat abbażi tal-ilment dwar l-anti-dumping, jiġifieri 10 %–15 % *ad valorem* fuq l-vlaur ta' importazzjoni CIF tal-prodott ikkonċernat.

(20) Kif imsemmi fit-Taqsima 5 tal-avviżi imsemmija fil-premessi 1 u 2, il-Kummissjoni tinsab fil-proċess li tiddetermina jekk l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jistgħux ikunu kkunsidrati li joriġinaw miċ-Ċina. Skont l-Artikolu 2(a) tar-Regolament bażiku kontra s-sussidji u l-Artikolu 1(3) tar-Regolament bażiku dwar l-anti-dumping rispettivament, sussidji mogħtija mill-gvern ta' pajjiż intermedju huma kumpensatorji u l-pajjiz li jesporta jista' jkun pajjiż intermedju. Għandu jkun innutat ukoll li l-ilmenti u t-talbiet għal reġistrazzjoni huma relatati mal-importazzjonijiet miċ-Ċina mingħajr ma jispeċifikaw l-oriġini ta' dawn l-importazzjonijiet. Fl-aħħar nett, l-investigazzjonijiet dwar l-anti-dumping u dawk kumpensatorji mwettqa mill-Istati Uniti tal-Amerika li jinvolvu l-istess prodott importat miċ-Ċina ssottolinjaw il-kumplessità tal-operazzjonijiet ta' produzzjoni u assemblaġġ li jistgħu jikkonferixxu oriġini jew le ([1]). Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u mingħajr ħsara għall-konklużjoni li se tintlaħaq dwar dawn il-kwistjonijiet, huwa kkunsidrat xieraq li r-reġistrazzjoni għandha tkopri l-prodott ikkonċernat li joriġina miċ-Ċina jew ikun ikkonsijat minn hemm.

F. **IPPROĊESSAR TA' DEJTA PERSONALI**

(21) Kwalunkwe dejta personali miġbura fil-kuntest ta' din ir-reġistrazzjoni se tiġi ttrattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ([2]).

([1]) Ara Issues and Decision Memorandum for the Final Determination in the Antidumping Duty Investigation of Crystalline Silicon Photovoltaic Cells, Whether or Not Assembled into Modules, from the People's Republic of China, id-9 ta' Ottubru 2012, fuq http://ia.ita.doc.gov/frn/summary/prc/2012-25580-1.pdf

([2]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-awtoritajiet doganali huma hawnhekk ordnati, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 u l-Artikolu 24(5) tar-Regolament (KE) Nru 597/2009, biex jieħdu l-passi xierqa sabiex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta':

— moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM ex 8501 31 00 (Kodiċi TARIC 8501 31 00 81 u 8501 31 00 89), ex 8501 32 00 (Kodiċi TARIC 8501 32 00 41 u 8501 32 00 49), ex 8501 33 00 (Kodiċi TARIC 8501 33 00 61 u 8501 33 00 69), ex 8501 34 00 (Kodiċi TARIC 8501 34 00 41 u 8501 34 00 49), ex 8501 61 20 (Kodiċi TARIC 8501 61 20 41 u 8501 61 20 49), ex 8501 61 80 (Kodiċi TARIC 8501 61 80 41 u 8501 61 80 49), ex 8501 62 00 (Kodiċi TARIC 8501 62 00 61 u 8501 62 00 69), ex 8501 63 00 (Kodiċi TARIC 8501 63 00 41 u 8501 63 00 49), ex 8501 64 00 (Kodiċi TARIC 8501 64 00 41 u 8501 64 00 49), ex 8541 40 90 (Kodiċi TARIC 8541 40 90 21 u 8541 40 90 29),

— ċelloli tat-tip użati f'moduli jew pannelli fotovoltajċi bis-silikon kristallin li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM ex 8541 40 90 (Kodiċi TARIC 8541 40 90 31 u 8541 40 90 39), u

— wejfers tat-tip użati f'moduli jew pannelli fotovoltajċi bis-silikon kristallin li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM ex 3818 00 10 (Kodiċi TARIC 3818 00 10 11 u 3818 00 10 19),

li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina jew huma kkonsinjati minn hemm. Iċ-ċelloli jew il-wejfers għandhom ħxuna li ma taqbiżx l-400 μm.

Mill-prodott li qed jiġi rreġistrat it-tipi ta' prodotti li ġejjin huma eskluży:

— ċarġers solari li jikkonsistu minn inqas minn sitt ċelloli, li huma mobbli u li jfornu l-elettriku lil mezzi jew li jiċċarġjaw il-batteriji,

— prodotti fotovoltajċi magħmula minn tertuqa rqiqa,

— prodotti fotovoltajċi bis-silikon kristallin li huma permanentement integrati fi prodotti elettriċi, fejn il-funzjoni tal-prodotti elettriċi mhijiex il-ġenerazzjoni tal-enerġija, u fejn dawn il-prodotti elettriċi jikkonsmaw l-elettriku ġġenerat miċ-ċellola fotovoltajka/ċelloli fotovoltajċi bis-silikon kristallin integrat.

Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub, jipprovdu evidenza ta' sostenn jew jitolbu li jinstemgħu fi żmien 20 jum mid-data ta' pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO